

# It-Tixrid tat-Talba tar-Rużarju mid-Dumnikani

Raphael Micallef

Kull ordni reliġjuża ssibilha xi devozzjoni speċjali li din tkun indirizzata lill-Omm tagħna tassema "Marija". Fl-Ordni Dumnikana tirrisplendi bil-kbir id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes u din ġejja tradizzjonalment mill-Qaddis Fundatur San Duminku ta' Gusman, tant li dan insibuh ikkonfermat fil-Kungress Mondjali Marjan li kien sar f'Ruma fl-1904 mill-Ġeneral tal-Ordni ta' dak iż-żmien, il-Venerabbli Patri Ġjaċint McCormier. Għalhekk il-leġiżlaturi, persważi mill-qawwa tar-rużarju fil-kostituzzjoni, ordnaw biex b'ħilithom kollha tinxtered din id-devozzjoni u jkunu veri appostli tagħha.

Id-Dumnikani mhux biss fil-predikazzjoni tagħhom, huma magħrufa biex ikabbru din id-devozzjoni tar-rużarju iżda wkoll bil-kilba mħeġġa, taw prominenza fit-tixrid tagħha f'tant perjodiċi u kotba, f'għaqdiet bħal konfraternitajiet imwaqqfa sa mill-eqdem żminijiet tal-Knisja. Il-Papa Sistu IV fl-1478, kif ukoll il-Papa Benedittu XV kienu żejnu lill-knisja tad-Dumnikani ta' Kolonja b'ħafna indulgenzi b'digrieti tal-Kongregazzjoni tas-Santu Uffiċċju.

Kienu wkoll id-Dumnikani li taw bidu lid-devozzjoni tas-Sibtijiet bi tħejjija għall-festa tar-Rużarju bi ħmistax-il Sibt mis-Seklu XVII wara r-rebħa ta' Luigi XIII, Re ta' Franza, f'Rockville kontra l-Ugonotti. Il-Papiet kollha f'kull żmien taw prominenza fid-devozzjoni tar-rużarju iżda l-aktar fosthom mhux ta' min ma jsemmix il-Papa Dumnikan, San Piju V (1504-1572), il-Papa magħruf tar-Rużarju, b'mod speċjali l-konnessjoni mal-battalja ta' Lepanto.

Kien dan il-Papa li ħareg l-ewwel enċiklika fuq ir-rużarju. Dan kien iffissa l-ġurnata tas-7 ta' Ottubru b'dedika lill-Madonna tar-Rużarju. Kien id-Dumnikan, il-Beatu Alan de la Roche (1428-1479), li xerred din id-devozzjoni b'tant ħeġġa. Kien hu wkoll skont l-istorja li għaraf lil San Duminku bħala l-ewwel predikatur fit-tixrid ta'din id-devozzjoni lejn Marija Santissima li tat lilu fis-Seklu XIII fi żmien meta l-Knisja kienet ippersegwitata b'ereżija tal-Albiġiżi. Dumnikan ieħor, il-Beatu Anġeliku (Guido De Vecchio O.P.) 1387-1455, ipprietka lil Marija Omm tar-Rużarju bit-talent tal-pinzell.

Kienu n-Novizzi Dumnikani tal-Kunvent ta' San Duminku f'Fiesole li taw bidu lis-simbolika devozzjoni tax-xahar tal-fjuri f'Mejju u x-xahar t'Ottubru bħala x-xahar tar-Rużarju kif insibu li qal is-Saċerdot Emilio Campala fil-ktieb tiegħu (Loco Cit, Pagna 512 Vol 1.), id-Dumnikan Belġjan Patri Luke Hellemans, warajh Patri Ġjaċint Berghmans, il-magħruf fostna Patri E. Klimech fejn dan ħeġġeġ din id-devozzjoni, saħansitra fit-tħabrik tiegħu bena s-Santwarju ta' Fatima f'Malta kemm dan dam Provinċjal ta' din il-Provinċja Maltija.

Patri Dumnikan Marcell Vanni, li xerred ir-rużarju mal-Italja, Dumnikani oħra magħrufa bħal Patri Marie Joseph Lagrange, Dominique Pire, B Franġisku Coll, Patri Giuseppe Moran (1867) li kiteb "I Messi d'Ottobre" lid-Dumnikani Spanjoli, lill-famuż Predikatur Lacordaire li ħareġ iħeġġeġ bil-prietki tiegħu d-devozzjoni tar-rużarju. It-Terzjarju Dumnikan Beatu Bartolo Longo (Avukat), fundatur tas-Santwarju devot tal-Madonna ta' Pompei, fl-Italja, lit-Terzjarju Dumnikan ieħor S. Luigi M. Grigor de Montfort.

Santwarji dedikati lill-Madonna tar-Rużarju mxerrda madwar id-dinja jagħrfu lid-Dumnikani bħala Promoturi kbar tar-Rużarju bħal dak ta' Lourdes fejn fil-pjazza prinċipali hemm fuq il-bieb skolpita fl-irħam il-Madonna tar-Rużarju ma' Missierna San Duminku. Ġewwa Fatima, madwar dak is-Santwarju Marjan, tilmaħ fuq iċ-ċint statwetti ta' qaddisin fosthom ta' Dumnikani u tal-Fundatur tagħhom San Duminku. Mhux ta' min iħalli barra l-Papa Terzjarju Dumnikan, il-Beatu Ġwann Pawlu II li, marbut ħafna mal-Madonna speċjalment f'din id-devozzjoni tar-rużarju, żied ħames posti ġodda, magħrufa "tad-Dawl".

Fil-knejjes kollha f'Malta u Għawdex għandek issib altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju u lil Missierna San Duminku jirċievi l-kuruna tar-Rużarju u xejn inqas il-Knejjes u l-Kappelli tad-Dumnikani f'pajjiżna kollha ddedikati lill-Madonna, fost oħrajn is-Santwarju tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima f'Gwardamanġa.

L-Ordni Dumnikana għandha protezzjoni speċjali minn Ommna Marija taħt dan it-Titlu. Lil din l-Ordni Marija Santissima riedet tforniha b'arma setgħana u mhux qerrieda, superjuri għal kull arma oħra biex teqred l-umanità, arma li tista' tiġi reċitata minn kulħadd, għorrief u mhux, bis-sempliċità tagħha, b'saħħitha u debboli, suldati fuq kull azzjoni.

Ir-Rużarju huwa garanzija ta' predestinazzjoni Eterna. Għalhekk waqt li nħarsu lejn San Duminku b'ammirazzjoni, nħarsu wkoll lejn il-kuruna tar-rużarju fejn dan il-Fundatur qiegħed jurina li jirrakkomanda biex ngħidu.